MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 1565/1996/1

**Mario Galea**

**Vs**

**Joseph Buhagiar**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-13 ta' Mejju 1996 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fit-8 ta' Ottubru 1995 waqt li l-istanti kien isuq *car* numru H - 5800 f' Bieb ir-Ruwa limiti Rabat din sfat involuta f' habta mat-*truck* numru 0 - 1478 u garrbet hsarat;

Premess illi ghall-incident huwa hati l-konvenut minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti izda dan qed jichad htijiet;

Premess illi l-istanti sofra danni fl-ammont ta' hames mija u tliet liri, hamsa u erbghin centezmu;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li, b' rizultat ta' l-istess sofra l-istanti;

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm503.45 jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istanti l-ammont dikjarat bhala dovut in linea ta' danni;

Bl-ispejjez, komprizi Lm11.15c ta' konsult u dawk ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Jannar 1996, dawk ta' l-ittra ufficcjali tat-13 ta' Mejju 1996 lil Citadel Insurance Services Ltd *nomine* ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax min-notifika ta' dina c-citazzjoni kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fis-6 ta' Novembru 1996, li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex ghall-incident awtomobilistiku tat-8 ta' Ottubru 1995 f' Bieb ir-Ruwa, Rabat, jahti unikament l-attur;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-3 ta’ Novembru 2003 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjaru Dr. Anna Caruana biex tisma’ x-xhieda tal-konvenut;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Il-kollizjoni meritu ta’ din il-kawza sehhet fit-8 ta’ Ottubru 1995. Skond il-verzjoni ta’ l-attur kif dikjarata minnu fil-korp tac-citazzjoni dan ighid li kien gej isuq fid-direzzjoni tar-Rabat, vicin il-hajt tax-xellug tat-triq traversata minnu, meta osserva mill-faccata gej il-konvenut f’ nofs it-triq transitata minnu, u in parti, *wrongside*. Huwa jiddikjara inoltre li bbrejkja u appena waqaf, laqat il-vettura tal-konvenut;

Minn naha tieghu l-konvenut, li xehed quddiem l-Assistent Gudizzjarju (fol. 54), jistqarr li waqt li kien qed isuq, l-attur hariglu minn *side street*, bl-istess *speed* li kien qed ghaddej u baqa diehel fil-vettura tieghu. Huwa jispjega li minn fejn hareg l-attur jezisti hajt gholi kif dimostrat fiz-zewg ritratti minnu esebiti. L-istess konvenut jaccetta li kien ghaddej isuq lejn in-nofs tat-triq peress li fuq ix-xellug tieghu kien hemm sprall;

Is-Surgent PS 1414 Anthony Zammit (fol. 38) li nvestiga l-incident wara li kellem liz-zewg sewwieqa rregistra fl-okkorrenza illi mill-investigazzjoni rrizultalu illi l-vettura ta’ l-attur halliet tmien (8) metri *brake marks* u li, kif rakkontat

lilu, l-attur kien gej b' velocita` kbira f' liwja mentri l-konvenut kien qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq;

Premessi dawn il-provi, din il-Qorti tibda biex tippuntwalizza, qabel kull konsiderazzjoni ohra, illi skond il-principju maghruf ta' l-oneru tal-provi l-attur hu obbligat li jiddemostra l-fatt kostituttiv tad-dritt pretiz minnu. Principalment, imbaghad, illi l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u ghad-danni konsegwenzjali naxxenti minn dan. Dan l-obbligu normattiv tad-dritt procedurali (Artikolu 562, Kapitolu 12) huwa hekk vitali in kwantu jispetta lill-attur li jgib provi tal-fatt allegat u b' hekk jsostni l-bazi tat-talba tieghu. Il-kwalifikazzjoni stess tad-deduzzjoni probatorja *qua* oggett ta' oneru necessarjament, u guridikament, taghmel dawn il-provi impellanti fuq l-attur li hu gravat b' dan l-oneru. Jekk ma jirnexxielux jaghmel dan, u l-fatt allegat jibqa' fi stat ta' incertezza jew ta' dubbju, dan id-dizimpenn fl-attur jittraduci ruhu fi zvantagg ghalih. Dan ghaliex huwa l-attur li hu mghobbi bil-piz li joffri c-certezza tal-fatt u jekk allura hu jonqos milli jiskarika dan il-piz jigi li hu ma pprovax adegwatament u sodisfacentement il-legittimita` u l-fondatezza tal-pretensjoni tieghu;

Precizat dan l-aspett preliminari, din il-Qorti certament mhix mghejjuna mill-fatt li l-attur ma xehedx f' din il-kawza. B' danakollu, trid jew ma tridx, ikollha toqghod fuq ir-rizultanzi istruttorji kif rinvenuti mill-process u taghmel l-apprezzament taghha dwarhom;

Jidher li t-tezi primarja ta' l-attur ghall-addebitu tal-htija fil-konvenut issorgi fuq il- kontenzjoni illi dan kien qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq. Huwa naturalment jinsisti fuq dan il-punt biex jiddemostra illi kieku ma kienx ghal dan il-ksur regolamentari da parti tal-konvenut l-incident ma kienx isehh;

Il-Qorti tissofferma ghall-mument fuq din il-kontenzjoni ta' l-attur biex taghmel din il-precizazzjoni. Kif pacifikament akkolt mill-gurisprudenza "il-fatt li *driver* ikun isuq, minflok fuq ix-xellug tat-triq, kif iridu r-regolamenti, fuq il-*crown of the road*, ma hux deciziv ghas-soluzzjoni tal-kwestjoni dwar liema *driver* huwa l-htija ta' kollizjoni li tigri" (**Kollaz. Vol. XXXVII P IV p 1137**). Hekk ukoll jinsab deciz illi "sewwieq li jkun fuq in-naha hazina tat-triq mhux necessarjament ikun responsabbli ghall-kollizjoni jekk l-agir tieghu ma jkunx ta lok ghal din il-kollizjoni" (**Kollez. Vol. XLVII P II p 966**);

Jidher li dawn il-principji baqghu jircievu favur u akkoljiment mill-Qrati saz-zminijiet pjuttost recenti, kif manifest mid-decizjonijiet "**Dr. Louis Bianchi *nomine* -vs- Roberta Patiniott**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997; "**Cecil Ellul -vs- Joseph Muscat**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 u "**Lawrence Caruana -vs- Anthony Falzon**", Appell, 5 ta' Ottubru 2001;

Stabbilit dan l-aspett, hi l-fehma ta' din il-Qorti illi, ankorke jigi accettat illi l-konvenut oltrepassa l-*crown of the road* u kien fuq in-naha hazina tat-triq, ma jidherx li din kienet il-kawza prossima ta' l-incident. Fir-rigward taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

(1) Kien ragonevolment mistenni li l-attur li kien qed javvicina liwja kellu jirrallenta l-i*speed*, u addirittura jieqaf, biex jesplora sewwa t-triq li htieglu jidhol fiha. Dan id-dover tieghu li jnaqqas l-i*speed* u jinvestiga t-traffiku transitat fit-triq li fiha ried jaccedi kien certament jaghtih l-opportunita` li jevita l-iskontru. Minflok jidher li huwa ghazel li, bla preavviz, u b' mod inkonsult, jikkonfronta lill-konvenut fil-perkors tieghu;

(2) Rilevanti wkoll mill-iskizz il-fatt dimostrattiv li l-attur baqa' ghaddej bl-istess *speed* u *ex abrupto* hareg fit-triq li minnha kien ghaddej il-konvenut minghajr l-ebda prekawzjonijiet. Prekawzjonijiet li hu kellu jadotta fi grad superjuri minn dak tal-konvenut;

(3) Hu provat ukoll mill-konfigurazzjoni tat-toroq, kif indikat mill-istess skizz u r-ritratti esebiti, illi l-attur ma setax kellu vizwali cara ta’ min kien ghaddej u x’ kien qed isehh fit-triq li ried jidhol fiha. Dan minhabba l-hajt gholi fuq ix-xellug tieghu. Dan hu element iehor li, jekk xejn, izid ma’ l-incertezza fir-rigward tar-responsabilita` u li l-attur jaskrivi lill-konvenut;

In vista tal-ftit osservazzjonijiet premessi ma jirrizultax, fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, illi l-attur ezegwixxa l-oneru tal-prova li l-konvenut kien fi htija. Anzi, din il-Qorti, fuq il-bazi ta’ dawn l-istess osservazzjonijiet, hi konvinta li l-attur ma rnexxielux jipprova l-premessi tat-talbiet tieghu u cjoe li kien il-konvenut li kien responsabbli ghall-kollizjoni meritu tal-kawza jew li kkontribwixxa ghaliha. Kif gja fuq intqal din il-prova kienet taggrava lilu u hu kellu jissodisfa dan l-oneru almenu fuq bazi ta’ probabilita`. L-insufficjenza, id-dubbji u l-incertezzi rilevati f’ dan il-kaz ma jwasslux lill-Qorti ghal konvinzjoni li dan l-oneru gie sew dizimpenjat.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet kollha ta’ l-attur, bl-ispejjez jitbatew minnu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------